**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2019**

**Talba Nru: 438/2017PM1**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) u dina kif surrogata fid-dritt tal-assigurata taghha Simone Mangion**

**Vs**

**Water Services Corporation u skont digriet datat 19 t'Ottubru, 2018 gie kjamat fil-kawza is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Marsa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Settembru, 2017 illi permezz tieghu l-atturi talbu li l-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €856.49 rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' incident datat 25 ta' Marzu, 2015 li sehh fil-Marsa u li ghalihom ghamlet tajjbe is-socjeta` attrici abbazi tal-polza tal-assgurazzjoni tat-tip *comprehensive*; bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali

datata 1 t'Ottubru, 2015 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-Korporazzjoni konvenuta.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta datata 4 t' Ottubru, 2017 li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament is-socjeta` attrici kienet intempestiva fl-azzjoni taghha stante li l-Korporazzjoni m'ghandhiex bizzejjed informazzjoni biex tevalwa l-istess talba,
2. Illi preliminarjament ukoll il-Korporazzjoni m'hijiex il-legittima kuntradittrici,
3. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li d-danni reklamati kienu qed jigu kkontestati.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota tal-attrici, l-affidavit ta' Malcolm Aquilina u d-dokumenti annessi mal-istess (fol. 8 et. seq tal-process).

Sema' x-xhieda ta' PC34 George Scicluna u ta' Simone Mangion waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, 2017.

Sema' x-xhieda ta' Francis Debattista waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Muscat u ta' Malcolm Aquilina in kontro-ezami waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu, 2018.

Sema' x-xhieda tal-Engineer Ronald Pace waqt is-seduta tad-9 t'April, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Emily Abela waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Thomas Debono waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju, 2018 u l-kontro-ezami relattiv waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju, 2018.

Ra illi, fuq talba tas-socjeta` attrici, permezz ta' digriet datat 19 t'Ottubru, 2019 it-Tribunal ordna l-kjamat fil-kawza tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Marsa.

Ra r-risposta tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Marsa li eccepew:

1. Illi preliminarjament il-Kunsill Lokali Marsa m'huwiex il-legittimu kuntradittur,
2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u
3. Ikkontestaw id-danni mitluba.

Sema' x-xhieda ta' Edward Spiteri Audibert.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qeghdin jitolbu kumpens ghad-danni ammontanti ghas-somma ta' €856.49 sofferti minnhom bhala konsegwenza tal-incident li sehh fil-25 ta' Marzu, 2015 meta l-vettura assigurata mis-socjeta` attrici saqet fuq hofra imdaqqsa li kien hemm fit-Triq il-Moll tal-Hatab fil-Marsa. Ghal tali talba l-Korporazzjoni intimata wiegbet illi s-socjeta` attrici kienet intempestiva fl-azzjoni taghha stante li l-Korporazzjoni m'ghandhiex bizzejjed informazzjoni

biex tevalwa l-istess talba, li l-Korporazzjoni m'hijiex il-legittima kuntradittrici, li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt  u li d-danni reklamati kienu qed jigu kkontestati. Sussegwentement, fuq talba tas-socjeta` attrici t-Tribunal ordna l-kjamat fil-kawza tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Marsa li eccepew li l-Kunsill Lokali Marsa m'huwiex il-legittimu kuntradittur, irrespingew huma wkoll it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u kkontestaw id-danni mitluba.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-fatt li kemm il-Korporazzjoni konvenuta u kif ukoll il-Kunsill Lokali kjamat fil-kawza inizjalment wiegbu illi m'humiex il-legittimi kuntradittur ghat-talba ghal kumpens avvanzata mill-atturi. F'dan ir-rigward ir-Regolament 6(1) tar-**Regoli dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** jipprovdu espressament illi: "*jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun ħadd ieħor li jħallas it-talba, huwa għandu jindika fir-risposta tiegħu min hi dik il-persuna l-oħra li għandha tħallas it-talba kollha jew parti minnha.*" Jirrizulta car li, ghalkemm kemm il-Korporazzjoni u kif ukoll il-Kunsill Lokali kjmata fil-kawza eccew li m'humiex il-legittimi kuntradditturi, ma indikawx permezz tar-risposta taghhom, liema persuna jew entita` effettivament ghandha tinzamm responsabbli. Jekk il-Korporazzjoni konvenuta, almenu tramite t-talba taghha ghas-sejha fil-kawza tal-Kunsill Lokali Marsa indikat li "*mix-xhieda illi nstemghet f'dawn il-proceduri, partikolarment ix-xhieda ta' Thomas Debono in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, jirrizulta li t-triq in kwistjoni taf taqa' fir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali tal-Marsa*", da parti tieghu l-istess Kunsill Lokali rrefera ghal-lista ta' toroq arterjali u distributorji li jaqghu taht ir-responsabilita` tal-Gvern Centrali. Madanakollu, kif gustament gie sottomess mill-avukata tal-Korporazzjoni intimata, tali document huwa referibbli ghad-data 3 ta' Jannar, 2017 meta d-dokument ta' qablu (dak referibbli ghad-data 1 t'Ottubru, 2016 (Dok TD1 ezebit a fol. 107) jeskludi minn tali elenku Triq il-Moll tal-Hatab, Marsa.

Illi f'dan ir-rigward u mill-aspett prettament legali it-Tribunal jaghmel referenza ghall-art. 7 tal-**Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi espressament li r-responsabilita` mqieghda fuq l-Awtorita` centrali hija eskluza biss "***<u>fejn il-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali</u>***, *il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità*" (enfazi mizjuda).

Illi, apparti li f'dan il-kaz l-Awtorita` centrali m'hijiex parti f'dawn il-proceduri anke ghaliex hadd mill-partijiet ma hass il-htiega li jsejjah lill-istess fil-kawza, mill-asjem tal-provi prodotti irrizulta kjarament illi:

1. Il-Korporazzjoni konvenuta certament ma tistax tinzamm responsabbli ghall-incident u dana ghaliex il-provi prodotti huma kollha univoci filli juru li l-Korporazzjoni konvenuta ma wettqet ebda xogholijiet fl-istess triq. Aktar minn hekk ma tressqet ebda prova li tista' b'xi mod tindika li x-xogholijiet li wasslu ghat-trinka li kkawzat il-hsara fil-vettura assigurata mis-socjeta` attrici saru jew gew ikkommissjonati mill-Korporazzjoni konvenuta. F'dan ir-rigward xehdu Ronald Pace, Manager Central Region fi hdan il-Korporazzjoni konvenuta fis-sens illi:

   > "*xogholijiet ma kienux qeghdin isiru f'dik id-data min-naha taghna.* (…) (I)*l-kanen li huma tal-Korporazzjoni intimata u li jinsabu ghaddejjin f'dik it-triq jinsabu ghaddejjin fil-genb ta' din it-triq u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn min-naha taghna noholqu xi forma ta' trinka li taqsam it-triq sabiex naghmlu xi xogholijiet ta' riparazzjoni hax fi kwalunkwe kaz kiekeu kienu jridu jsiru xi xogholijiet ta' riparazzjoni dawn setghu jsiru fil-genb tat-triq minghajr ma ssir ebda trinka li tohloq xi forma ta' inkonvenjent.* (…) (i)*t-trinka peress li tidher f'nofs tat-triq u tinsab b'direzzjoni*

*lejn il-hajt fejn mieghu jidhru imwahhlin xi cables jien ghandi nifhem li din it-trinka saret referibilment ghal dawn il-cables u mhux b'referenza ghal xi servizzi tal-*Korporazzjoni *intimata.* (…) (N)*ista' nikkonferma li dawn il-cables mhumiex xi cables tal-Korporazzjoni intimata.* (…) *Nghid fuq mistoqsija tat-tribunal li ma ghandna l-ebda tappiera tal-ilma f'dik iz-*zona*.* (…) ***Nista' nikkonferma wkoll illi fil-25 ta' Marzu, 2015 ma kien hemm l-ebda xogholijiet awtorizzati mill-Water Services Corporation fi Triq il-Moll tal-Hatab, Marsa.***" (enfazi mizjuda)

Tali xhieda, fil-fatt, baqghet qatt ma giet kontraddetta.

Ghal-fini ta' kompletezza jinghad ukoll li fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni koncernanti l-intempestivita` tal-azzjoni it-Tribunal jirreferi ghall-ittra ufficjali datata 1 t'Ottubru, 2015, korrispondenza mibghuta mill-istess Korporazzjoni konvenuta datata 9 t'Ottubru, 2015 u wkoll ghall-ittri responsive rispettivament datati 27 t'April, 2017 u 18 ta' Lulju, 2017 mibghuta mis-socjeta` attrici li baqghet minghajr risposta da parti tal-Korporazzjoni konvenuta. Huwa kwindi car li ghalkemm il-Korporazzjoni konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghall-incident *de quo* in vista tas-surreferit lanqas jista' jinghad li l-atturi agixxew b'xi mod intempestiv f'tali rigward. Konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata, jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata, jiddikjara kwindi li l-Korporazzjoni intimata m'hijiex il-legittima kuntradittrici u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet mressqin mill-istess Korporazzjoni.

2. Illi ghaldaqstant jifdal sabiex jigi determinat jekk tistax tigi akkollata xi responsabilita`lill-Kunsill Lokali kjamat fil-kawza jew lil xi entita` ohra li m'hijiex parti f'dawn il-proceduri. Kif intqal hawn fuq jidher car li il-manutenzjoni tat-

toroq taqa' fil-kompetenza tal-awtorita` centrali sakemm tali kompetenza ma tkunx giet eskluza mill **Att dwar il-Kunsilli Lokali**. F'dan ir-rigward, kif ukoll gie gustament sottomess mill-avukata tal-Korporazzjoni konvenuta, l-art. 33(1)(a) tal-**Att dwar il-Gvern Lokali** jipprovdi espressament li:

"*l-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*

*(a) li tipprovdi, fir-rigward ta' kwalunkwe triq, għajr triq li r-responsabbiltà fir-rigward tagħha hija vestita f'Infrastruttura Malta skont it-termini tal-Att tal-2018 dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, iż-żamma u l-manutenzjoni, jew it-titjib tal-istess, u li tipprovvdi u żżomm sinjali stradali u marki stradali adegwati, skont standards nazzjonali u internazzjonali:*

*Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi t-tiswija tal-irqajja' u l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha.*"

Il-manutenzjoni ta' toroq arterjali u/jew distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali tinsab effettivament eskluza mill-kompitu tal-Kunsill Lokali (f'dan is-sens l-ahhar elenku indikat fir-Raba' Skeda tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta taht id-dicitura '*Toroq*'). Ovvjament dak li huwa relevanti huwa d-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn il-Gvern Lokali u dak Centrali fil-mument illi fih sehh l-incident u mhux kwalunkwe distribuzzjoni differenti li setghet giet legalment determinata wara d-data li fiha sehh l-incident mertu tal-kawza. Huwa kwindi car li skont il-Pjan Strutturali applikabbli fid-data tal-incident ir-responsabilita` ghall-manutenzjoni ta' Triq il-Moll tal-Hatab kienet taqa' kjarament fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali in kwantu dak iz-zmien ma kenitx ghadha qed tigi kkunsidrata bhala triq arterjali u/jew distributorja – dejjem skont il-Pjan Strutturali applikabbli

fid-data tal-incident. Dan jinsab ukoll konfermat minn Edward Spiteri Audibert waqt ix-xhieda moghtija minnu in kontro-ezami fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019. Lilhinn minn kienet l-entita` li kkummissjonat tali xogholijiet u/jew jekk tali xogholijiet sarux legalment jew illegalment bil-kunsens jew minghajr il-kunsens tal-awtorita` kompetenti, huwa car li l-Kunsill Lokali kien f'dik id-data responsabbli li jara li t-triq li fiha sehh l-incident tigi mantnuta b'tali mod li ma tigix ikkawzata hsara lill-utenti taghha u wkoll li tali triq tkun regolarment munita b'sinjali u marki stradali skont standards nazzjonali u internazzjonali. Mill-provi prodotti jirrizulta kjarament li l-Kunsill Lokali tal-Marsa ma qdiex l-obbligi tieghu skont il-ligi tant illi l-incident *de quo* sehh proprju bhala kawza ta' trinka li rrizultat fit-triq li dakinhar kienet taqa' fil-kompetenza tieghu u li l-Kunsill Lokali naqas milli jsewwi jew li jara li tissewwa u li, fil-frattemp, isiru marki u sinjali skont l-istandards applikabbli. Lanqas ma jirrizulta li l-Kunsill Lokali Marsa talab li jsir jew li wettaq huwa stess xi ezercizzju serju ta' investigazzjoni sabiex jiddetermina min seta' wettaq tali xogholijiet b'tali mod li, mill-provi prodotti irrizulta biss li, kif xehed Thomas Debono in rapprezentanza tat-Traffic Management and Roads Safety Department "*permessi* (ghal xogholijiet) *f'din id-data ma kienx hemm*" (fol. 101 tal-process), filwaqt li l-elenku ta' xogholijiet imwettqin fit-triq jindikaw xogholijiet minn Go p.l.c. li jidher li bdew fit-2 ta' Frar, 2015 u suppost gew terminati fit-23 ta' Frar, 2015 (fol. 105 tal-process). Madanakollu l-fatt li ma hemmx xogholijiet indikati li sehhu f'xi data vicin tad-data tal-incident ma jfissirx illi l-Kunsill Lokali ma kienx, skont il-ligi, l-entita` responsabbli mill-manutenzjoni u t-tiswija ta' tali triq.

Illi fir-rigward tal-*quantum* mitlub jinghad li l-atturi irnexxielhom jippruvaw l-istess tant illi, skont ix-xhieda ta' Joseph Muscat *surveyor* appuntat mis-socjeta` assikuratrici attrici, il-kumpens dovut lill-assikurata taghhom gie limitat in vista tal-kundizzjoni ftit anqas hazina ta' whud mit-tyres wara l-incident kif fil-fatt ddeterminahom l-istess surveyor Muscat ("*jiena kont indikajt illi t-tyres mill-*

*erbgha li rajt tnejn minnhom kellhom hsara estensiva u tnejn minnhom ma kellhomx daqshekk hsara u huwa f'dan id-dawl li jiena nista' nispjega dak li hemm miktub fuq id-dokument a fol. 34 tal-process u cioe` 100% of two tyres, 50% of the other two tyres*" xhieda moghtija fit-8 ta' Marzu, 2018 a fol. 86 et. seq tal-process). Tali kumpens gie fil-fatt ukoll konfermat minn Malcolm Aquilina in kontro-ezami (xhieda moghtija wkoll fit-8 ta' Marzu, 2018 a fol. 89 et. seq tal-process).

Illi lanqas ma jirrizultaw elementi li jistghu jaddebitaw xi forma ta' kontributorjeta` lis-sewwieqa tal-vettura assikurata u dana ghaliex ma tressqux provi li jistghu konkretement jindikaw sewqan b'velocita` eccessiva da parti tal-istess sewwieqa u kwindi jgidbu l-verzjoni tax-xhud Simone Mangion li "*l-incident sehh kif spjegajt ezatt kif kont qlajt minn fuq l-istop sign u cioe` kont ghadni bejn wiehed u iehor fuq il-first jew is-second u kwindi ma tantx kelli velocita`*". Il-fatt li l-impatt kien wiehed qawwi u kkawza hsara fl-erba' *tyres* m'ghandux iservi sabiex awtomatikament jindika xi nuqqas da parti tas-sewwieqa fin-nuqqas ta' provi ulterjuri f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta, jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-istess Korporazzjoni u konsegwentement jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess Korporazzjoni, jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv a nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Marsa, konsegwentement jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-istess kjamati fil-kawza u jikkundanna lill-istess Kunsill Lokali sabiex ihallas lill-atturi is-somma ta' mitluba ta' tmien mija u sitta u hamsin euro u disgha u erbghin centezmi (€856.49) rapprezentanti danni subiti mis-socjeta` attrici bhala rizultant tal-incident datat 25 ta' Marzu, 2015 li sehh fil-Marsa, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata

1 t'Ottubru, 2015 u bl-interessi legali sa mis-7 t'Ottubru, 2015 data ta' notifika tal-istess ittra lill-Kunsill Lokali Marsa kontra l-istess Kunsill Lokali.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**